## Minuti tal-462 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 18 t' April 2016

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonniċi, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius talab li jkun skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tal-461 laqgħa ġew unanimament approvati.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-siġra li kienet tħawwlet fil-viċinanzi tal-*pelican lights* fi Triq tal-Labour kienet għada ma nqalatx. Is-Sur Buttigieg reġa' talab li tinqala' din is-siġra peress illi kienet qed tgħatti d-dawl tal-*pelican lights*. Is-Sindku qal illi kien kellem lil Transport Malta sabiex din is-siġra titneħħa.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinetx intbgħatet ittra lir-residenti ta' Triq iż-Żinġla sabiex tintalab l-opinjoni tar-residenti dwar il-proposta biex issir *road hump* quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-ittra kienet ser tintbgħat fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* 'Ċikas' fi Triq il-Mina ta' Hompesch kien inxtgħel.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' semma l-bżonn li jsir *refresh* taż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru.

Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini fi Triq Strickland. Is-Sindku qal illi minħabba restrizzjoni ta' fondi, ix-xogħol ta' tibdil ta' bankini kien ser jinbeda wara li jitlesta l-proġett fi 'Ġnien il-Kunsill'.

Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitat għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kienet saret l-espressjoni ta' interess għall-impjieg ta' persuna b'diżabilità mal-Kunsill taħt l-iskema C05. Din il-persuna b'diżabilità ser tiġi mħaddma mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ permezz tal-iskemi li ħarġu f'Memo 58/2011 u Memo 35/2012.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Joseph Agius, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u biex iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' persuna b'diżabilità mal-Kunsill.

Item 5 - Approvazzjoni tal-minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Inqraw il-minuti tat-78 u tad-79 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 6 - Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-persuna li kienet applikat wara li saret sejħa, kienet infurmat lill-Kunsill li m'hix aktar interessata f'din il-vakanza u li allura ma kinetx ser tattendi għall-intervista. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tibgħat lista ta' persuni li qiegħdin jirreġistraw taħt *Part* 1 u li huma eliġibbli għal dan l-impjieg.

Ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 *(back-to-back)*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sinjura Charmaine Camilleri ma kienetx aċċettat l-impjieg għall-kariga ta' Skrivan/a – Skala 15 *(back-to-back)*. Is-Sindku qal li peress illi

l-*back-to-back* hija marbuta mas-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto, kien staqsa jekk wara ċertu żmien is-Sinjura Testaferrata de Noto kinetx ser tiġi mpjegata fuq kuntratt indefinit u allura f'dak il-każ jiġi vakant il-post tagħha mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ingħata tlett risposti differenti : Id-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qallu li s-Sinjura Testaferrata de Noto kienet ser tkun impjegata fuq kuntratt indefinit maċ-Ċivil wara sentejn fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali; Uffiċjal mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali kien qallu illi s-Sinjura Testaferrata de Noto kienet ser tkun impjegata fuq kuntratt indefinit maċ-Ċivil wara erba' snin fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, u s-Sinjura Maria Żammit, HR tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienet infurmatu bil-miktub illi s-Sinjura Testaferrata de Noto ma tistax issir fuq kuntratt indefinit maċ-Ċivil.

Is-Sur Joseph Vella qal illi d-Dipartiment jista' jkun jaf jekk hemmx referenza għal dan fuq il-kuntratt ta' mpjieg li għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mal-impjegata.

Is-Sindku ppropona li l-offerta ta' mpjieg Skrivan/a – Skala 15 fuq bażi *back-to-back* issir lis-Sinjura Maria Magrin li ġiet ikklassifikata fit-tieni post mill-Bord tal-Għażla. Is-Sindku qal li f'każ li s-Sinjura Magrin tirrifjuta l-kariga, l-offerta għall-impjieg issir lill-applikanti li jmiss skont l-ordni tal-mertu. Is-Sindku qal li jekk ħadd mill-applikanti ma jaċċetta l-kariga tinħareġ sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*). Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lill-Ministru biex japprova l-ingaġġ ta' persuna aktar mill-*compliment* stabbilit bħalissa fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

<u>Item 7 - Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jeffrey Ellul mill-Uffiċċju Elettorali fejn informa lill-Kunsill illi l-Kumitat kien aċċetta li Triq Ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju tissemma Triq John Delia - Tenur. Dwar il-proposta biex tissemma trejqa għal Patri Arkanġlu Azzopardi, il-Kumitat talab aktar tagħrif fuq dan il-persunaġġ u barra minn hekk il-Kumitat ma jħossx li ż-żona magħżula hija ideali. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li trejqa fl-aħħar parti ta' Triq iċ-Ċimiterju tissemma għal Patri Arkanġlu Azzopardi.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li t-trejqa fi Triq Pawlu Scicluna tingħata l-isem Triq Feliċ Żarb.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Etienne Zahra, Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, li talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħaraq nar mill-inħawi magħrufa bħala tal-Fatah fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jinħaraq in-nar sakemm ma jkunx ta' inkonvenjent għar-residenti, ta' ħsara għas-swar u li jingħata l-permess mill-awtoritajiet kompetenti fosthom il-Pulizija.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien qiegħed isir arranġament biex isiru l-marki tat-traffiku fi Triq il-Mina ta' Hompesch u fi Triq tal-Labour.

Item 8 - Skeda ta' Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Marzu 2016 sat-18 ta' April 2016 li kienet tammonta għal €56,027.41.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2016 li kien jammonta għal €95.02.

Approvazzjoni ta' Aġġustamenti għall-*Financial Statements*

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2015 kif emendati.

Item 9 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill *site plan* b'indikazzjoni ta' *zebra crossing* li trid issir fi Triq ix-Xgħajra kif approvata minn Transport Malta. Peress illi m'hemmx post adattat fejn issir *zebra crossing* fil-parti ta' fuq ta' Triq ix-Xgħajra, Transport Malta ssuġġeriet li l-Kunsill itawwal is-*central strip* li hemm viċin Bontà Confectionery. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jtawwal is-*central strip* kif ġie ssuġġerit minn Transport Malta.

Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex Triq Salvu Astarita ssir *one way* u jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien waħħal mera u għamel id-*double yellow lines* sabiex jitnaqqas il-periklu fi Triq Salvu Astarita. Is-Sindku qal ukoll illi talab sabiex issir laqgħa ma' Transport Malta sabiex iressaq pjan holistiku bil-proposti tal-Kunsill għat-toroq ta' din iż-żona.

Is-Sindku qal illi matul ix-xahar ta' Mejju kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Kunvent.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jinforma lil Transport Malta biex qabel jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Hompesch, tiġi rranġata l-mina li hemm taħt l-art fil-parti ta' fuq ta' din t-triq.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent quddiem ir-residenza 109, Sunshine.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq Felice.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-porfido li nqala' minn Misrah is-Sliem kien ser jintuża fi 'Ġnien il-Kunsill'. Is-Sindku qal ukoll illi kienu qed isiru l-preparamenti sabiex malajr kemm jista' jkun tinhareġ is-sejha għall-offerti tax-xogħol addizzjonali li ser isir fil-ġnien.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażjoni tal-400 sena anniversarju tal-parroċċa, jittella flimkien mas-Soċjeta Filarmonika Maria Mater Gratiae kunċert mużikali liema spiża għall-Kunsill m'għandiex tkun ta' aktar minn €1, 165.

Is-Sindku qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill illi s-Sur Matthew Vassallo ma setax joqgħod Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ peress illi kien għadu ma għalaqx is-sittax-il sena. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Katrin Busuttil tibqa' Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ sakemm is-Sur Matthew Vassallo jagħlaq is-sittax-il sena.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni ta' marki tat-traffiku fil-viċinanzi tal-iskejjel u tal-madwar.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *give way* f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kumpanija Hompesch Steel kienet waqfet l-operat fl-impjant tagħha.

Is-Sur Joseph Vella qal illi waqt laqgħa li kellu mal-*Assistant Head* tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A, Ħaż-Żabbar, kien iddiskuta l-possibiltà li tiġi organizzata l-attività *Healthy Lifestyle* flimkien mal-Kunsill fis-27 ta' April, 2016. Is-Sur Joseph Vella qal illi waqt din l-attività ser tiġi organizzata mixja għat-tfal ta' bejn it-3 u 7 snin akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom mill-iskola sal-Masġar taż-Żebbuġ. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-Pulizija sabiex tkun tista' tiġi organizzata din il-mixja kif ukoll jipprovdi banana, yogurt u ilma għall-parteċipanti waqt l-attività.

Is-Sur Mark Grech qal illi kien ser jorganizza *Treasure Hunt* għall-istudenti ta' Ħaż-Żabbar flimkien mas-Sotto-Kumitat Edukazzjoni u Żgħażagħ.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinxtraw *cameras* tas-sigurtà u jitwaħħlu fil-bitħa tal-Kunsill u sabiex jiġu rranġati l-*cameras* li hemm fil-bini tal-Kunsill.

Is-Sur John J Pace ressaq ilment li rċieva minn resident li talab sabiex isiru *road humps* fi Triq Ħadd in-Nies minħabba sewqan eċċessiv fit-triq.

Is-Sur John J Pace ressaq ilment li rċieva minn resident li talab sabiex il-*platform* tal-konkos ta' taħt it-twieqi tar-residenti li hemm fil-bandli isir imżerżaq. Dan peress illi

f'dan il-post kienu qed jintefgħu xi żgħażagħ taħt it-twieqi u jagħmlu ħafna storbju sa tard bil-lejl.

Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li rċeviet mingħand residenta sabiex iċ-ċint tal-bandli fi Triq l-Iskola ikun iżjed għoli biex ħadd ma jkun jista' jpoġġi fuqu u joħloq inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir *double yellow line* fi Triq iċ-Ċimiterju faċċata tal-entratura taċ-ċimiterju.

Is-Sur John J Pace talab sabiex isir *refresh* tad-*double yellow line* li hemm fi Triq Salvu Astarita kantuniera ma' Triq Santa Marija.

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex issir *road hump* fi Triq Patri Taddew Schembri.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara *aircondition* għall-uffiċċju tal-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill.

Is-Sur Mark Grech talab li l-Kunsill jikteb formalment lid-Dipartiment tal-Artijiet u jitlob informazzjoni dwar l-art li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Sur Mark Grech ippropona sabiex f'każ illi l-art hija pubblika, il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-art u jagħmel *parking area*. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex titnaddaf u jinqata' l-ħaxix li hemm maġenb l-art pubblika fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kont li ngħata mingħand is-Sur David Grech li jammonta għal €1,500 għal xogħol ta' tindif fil-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Ex-Sindku s-Sur Quinton Scerri kien qabbad lis-Sur Grech sabiex inaddaf il-bandli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u tlett astenzjonijiet li l-Kunsill iħallas lis-Sur David Grech l-ammont ta' €1,164 minflok €1,500 peress illi l-Kunsilliera ta' dak iż-żmien ma kinux infurmati mill-Ex-Sindku Scerri b'dan ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar ilmenti li kien irċieva mis-Sindku kif ukoll mill-Kunsillieri dwar is-Sur David Grech, il-kuntrattur responsabbli mill-kuntratt għall-ġbir tal-iskart (ZLC 5/2014). Is-Sur Mark Grech qal li fi Triq il-Marloċċ l-iskart baqa' jinġabar fis-6.45 ta' filgħodu minflok fis-7.00. Is-Sindku qal li kien irċieva lmenti li s-servizz ma kienx qiegħed ikun dak mixtieq.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti *default notice* lis-Sur David Grech fuq bażi ta' dawn in-nuqqasijiet.

Is-Sur Mark Grech qal illi fl-avviż tal-ġbir tal-iskart qiegħed ikun indikat li l-iskart jinġabar fis-7.30 ta' filgħodu filwaqt li fil-prattika dan suppost jinġabar mis-7.00 ta' filgħodu. Is-Sur Mark Grech talab li jinbidel il-ħin tal-avviż tal-ġbir ta' skart.

Is-Sur Mark Grech talab li titwaħħal mera ma' ħajt ta' għalqa faċċata tal-garaxx numru 31 fi Triq San Ġużepp. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal din il-mera bil-permess ta' sid l-għalqa.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi ordnata tabella bl-isem ta' Triq ix-Xgħajra u din titwaħħal fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq Felice.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi peress illi d-dgħajsa li kien hemm fis-*soft area* ta' quddiem ir-residenza numru 6 fi Triq il-Luq kienet tneħħiet, qiegħed jerġa' jitlob sabiex jittella' ċ-ċint tas-*soft area*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jiġi rranġat kaptell tad-drenaġġ li hemm quddiem ir-residenza Aquarius fi Triq il-Ġilju.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-ħtieġa li jinxtgħel id-dawl u jitwaħħlu *cameras* fi Ġnien Tamara Psaila. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħol ser jinbeda hekk kif jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi fi Triq ix-Xgħajra n-naħa ta' Triq il-Kapuċċini kien hemm bozza li kienet inqgħalet sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni u minħabba f'hekk issa hemm nuqqas ta' dawl fit-triq. Peress illi x-xogħol ta' kostruzzjoni tlesta is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-bozza terġa' titwaħħal fejn kienet qabel.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f'laqgħa preċedenti kien talab sabiex tiwaħħal bozza ġdida faċċata ta' fejn qed titlob is-Sinjura Calleja.

Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-korrispondenza li kienet irċeviet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-24 sena anniversarju li ser jiġi ċċelebrat fit-12 ta' Mejju, 2016 biex jingħata appoġġ lil min ibgħati minn ME CFS Fibromyalgia. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li fit-12 ta' Mejju jinxtegħlu bozoz ħodor, vjola u blu mal-bini tal-Kunsill u f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet dwar il-proġett tal-LEAP li huwa ffinanzjat mill-EU dwar solidarjetà soċjali li jista' jgħin nies vulnerabbli f'Ħaż-Żabbar u jekk il-Kunsill hux qed jiġi nvolut. Is-Sindku qal li dan is-servizz qed jiġi offrut fuq bażi reġjonali u qiegħed isir tentattiv biex jinfetaħ ċentru ġdid anke f'Ħaż-Żabbar

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-Kunsillieri jinfurmawh dwar min kien ser jattendi għall-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch. Is-Sindku ssuġerixxa li l-programm

Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch ma jkomplix wara li tispiċċa l-iskeda tal-programm.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jitwaħħlu żewġ tabelli illi jindikaw iż-żewġ partijiet ta' Triq il-Kapuċċini. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa illi jekk hu possibli jitniżżlu n-numri tar-residenti fuq it-tabelli.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab illi tinżabar siġra li hemm quddiem Blokk F fi Triq il-Klin.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li titwaħħal bozza ġdida quddiem ir-residenza numru 14 fi Trejqet Wied ta' Mazza.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinbidlu t-tabelli kollha li hemm fil-viċinanzi tal-iskola.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinbidlu l-ħinijiet tat-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti fl-iskola Primarja B li matulhom jidħol biss it-trasport tal-iskola u l-ħinijiet tax-xitwa jsiru bejn it-tmienja u t-tmienja u nofs ta' filgħodu u bejn is-sagħtejn u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar u l-ħinijiet tas-Sajf jsiru bejn it-tmienja u tmienja u nofs ta' filgħodu u bejn nofsinhar nieqes kwart u l-kwarta.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinbidlu l-ħinijiet tar-*reserved parking* li hemm għal persuni b'diżabilita fil-viċinanzi tal-iskola Primarja B u l-ħinijiet tax-xitwa jsiru bejn it-tmienja u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar u l-ħinijiet tas-Sajf jsiru bejn it-tmienja ta' filgħodu u l-kwarta.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta u jiċċekkja jekk hemmx permess għar-*reserved parking* li hemm fi Triq l-Iskola fil-viċinanzi ta' Triq Tumas Dingli.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fid-19 ta' Mejju, 2016 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.

Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li parti minn Triq Agatha Barbara tingħata isem ġdid.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-463 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku